# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Nru. 1235

Kaz Nru. 1395

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Brian Tonna

u

Michael Balzan Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta.

Illum, 9 ta' Novembru 2001

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

INTRODUZZJONI

Illi l-Onor. Ministru ghal Politika Socjali rrifera din il-kwistjoni b'ittra datata 3 ta' Dicembru 1999 ai termini tal-Kap 266 wara li rcieva ittra datata 24 ta' Novembru 1999 da parti tal-appellant.

DIKJARAZZJONI

Illi l-appellant jallega li huwa dam impjegat bhala installer mas-socjeta' intimata ghal madwar tlett (3) snin. Dejjem esegwixxa d-doveri tieghu b'mod skrupluz. Darba fost l-ohrajn, mar l-imghallem fuq il-lant tax-xoghol, hadhom l-ufficcju u tterminalhom. Kienu qeghdin waqt il-hin tal-'break'. L-unici 'warnings' li kellu kienu verbali, fis-sens sabiex ihaffef ftit, u xejn aktar.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata allegat li l-appellant kien ta' sikwit jiskanta fuq il-lant tax-xoghol, jorqod, ma jhaffifx, dan inghata diversi 'warnings' verbali f'dan is-sens.

PROVI

L-appellant xehed li dakinhar li tkecca, huwa u l-kollega tieghu kienu qeghdin fil-hin tal-'break'. Kien ghalhekk li l-principal ma sabhomx jahdmu fizikament. Innega li kienu jorqdu waqt ix-xoghol, li kien traskurat u/jew irresponsabbli.

Dana gie konfermat minn siehbu ta' l-izvintura George Pisani, li spicca ukoll bla xoghol. Tant kienu tas-sengha li sabu x-xoghol fi zmien gimgha.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata irribattiet li ma setghetx tippermetti il-komportament tal-appellant. Kien twissa verbalment kemm il-darba biex joqghod ghall-istruzzjonijiet ta' Michael Balzan id-direttur manigerjali. Dan kien isibhom reqdin fuq il-post tax-xoghol, u jittraskuraw meta xogholhom kien delikat stante li kien li jinstallaw apparat ta' 'security'. Louise Balzan ikkonfermat. Sandro German xehed li l-appellant kien l-assistent tieghu u jlestilu x-xoghol.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi jigi ribadit 'ad nauseam' illi jekk il-haddiem ghandhu jibza' ghax-xoghol tieghu, l-istess principal ghandu jibza' ghal haddiem tieghu. Dana ma jikkonsistix sempliciment pedina fil-linja ta' produzzjoni. Minn naha l-ohra, il-haddiem ghandu jaghti lill-imghallem tieghu dak li huwa imhallas ghalih. Ir-relazzjoni lavorattiva hija reciproka - ma tistax tkun wahda unilaterali. Matul il-gurnata tax-xoghol, il-haddiem haqqu, anzi ghandhu dritt ghal perijodu qasir skond ic-cirkostanzi ghal mistrieh. Dak il-perijodu huwa tieghu. Jista' ikun hin jista' ikun iehor.

L-appellant u siehbu George Pisani kienu qeghdin waqt il-perijodu ta' mistrieh parzjali. Ma kienx il-hin tax-xoghol. Ma setax l-imghallem jaffrontahom u wisq anqas jiehu xi passi dixxiplinarji. Lanqas ma kellha sservi dik l-okkazjoni sabiex jittermina hesrem l-impieg tal-appellant. Gie ripetutament ritenut li qabel ma principal jiehu

passi hekk drastiku, ghandhu jezamina xi misura jista' jiehu li ma tkunx daqshekk travolgenti. Dejjem pero` jinzamm bilanc ragjonevoli. Lanqas m'ghandu il-principal japprofitta ruhu minn sitwazzjoni. Kien qed isib ix-xaghra fl-ghagina. Dak li gie allegat mis-socjeta' intimata ma jirrizultax fil-provi prodotti. L-azzjoni tieghu jista' ikun li kienet qed tipprova toskura verita` aktar impellenti.

L-appellant kien jaghmel xoghol specjalizzat tant illi sab xoghol fi zmien gimgha mit-terminazzjoni tieghu. Dana ghandu jittiehed in konsiderazzjoni pero` m' ghandux jagevolah.

Il-principal seta' jimxi b'mod ahjar ma' l-appellant u jirrispetta d-drittijiet tieghu. Wara kollox, iddedika tlett (3) snin minn hajtu ghalih. It-Tribunal jikkonsidera s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) bhala kumpens a adegwat, b'mod li ghandhu jinghata messagg li l-impieg u x-xoghol huwa sagru, u ma jistax jigi kalpestat impunement.

KONKLUZJONI

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg da parti tas-socjeta' intimata ma kenitx wahda gjusta. Bhala kumpens, qed jigi ffissat l-ammont ta' elf Lira Maltin (Lm1,000).

B'hekk din il-kwistjoni ta' xoghol qed tigi definittivament terminata.

Ghal fini ta' tassazzjoni qed tigi ffissata is-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25).

**DR . JOSEPH P. BONNICI LL.D.**
**CHAIRMAN**